MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2003

Numru 625/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Galea Scannura)**

**vs**

**Ludwig Dimech**
**Josephine Dimech**
**Svetlana Dimech**

**Illum 29 ta' Lulju, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:
**Ludwig Dimech** ta' 20 sena, mwieled Pieta' fid-19 ta' Jannar, 1983, bin Carmelo u Josephine *nee'* Chircop residenti gewwa 'Our Nest', Triq l-Indipendenza, Zebbug, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 135683M;

**Josephine Dimech** ta’ 41 sena, mwielda Pieta’ fit-12 ta’ Gunju, 1962, bint Victor u Concetta *nee’* Xeureb residenti gewwa ‘Our Nest’, Triq l-Indipendenza, Zebbug, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 379262M;
**Svetlana Dimech** ta’ 16-il sena, mwielda Pieta’ fis-06 ta’ Novembru, 1985, bint Carmelo u Josephine *nee’* Chircop residenti gewwa ‘Our Nest’, Triq l-Indipendenza, Zebbug, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 579085M;

Talli fit-28 ta’ Lulju, 2003, ghall-habta ta’ l-ghaxra u nofs ta’ filghodu gewwa Triq l-Indipenza, f’Haz-Zebbug, ingurjajtu jew heddidtu jew ghamiltu offiza fuq il-persuna ta’ PC 265 Stephen Ciangura u PC 1226 Joseph Cutajar inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kiennu qed jaghmlu tali servizz jew bi hsieb li jbezza jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz.

Talli fl-istess data, hin u lok, hebbejtu u heddidtu lil PC 265 Stephen Ciangura u PC 1226 Joseph Cutajar.

Talli fl-istess data, hin u lok, m’obdejtux ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallejthux  jew fixkiltu waqt liu kienu qed jaqdu d-dmirijiet taghhom.

Talli fl-istess data, hin u lok,ghedtu kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;

Talli fl-istess data, hin u lok, krirtu l-paci pubbliku b’ghajjat u glied.

Talli Ludvig Dimech ukoll, fl-istess data, hin u lok, kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Stephen Ciangura, u dan skond kif iccertifika Dr. Karl Causon M.D. med. reg. 1722 tad-Dipatiment tal-Kura Primarja tal-Furjana.

Rat il-kunsens ta’ Avukat Generali skond l-Artikolu 370 (4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputati jkun trattat u deciz bi procedura sommarja u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputati ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputati/

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssibhom hatja.

Wara li rat l-artikoli 95, 338 (ee) (bb) (dd), u 221 Kap 9.

Tilliberrahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor sa zmien sitt (6) xhur mil-lum skond l-art. 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputati l-obbligi taghhom naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------